# MALTA MEDJEVALI
# *serje ta' wirjiet ġodda ta' Heritage Malta*

Din is-serje l-ġdida timmira li tippreżenta r-riżultati tal-investigazzjonijiet riċenti fl-arkeoloġija medjevali ta' Malta. Hija tiffoka fuq il-perjodu mill-ħames sas-sittax-il seklu WK – il-Millennju Medjevali. Ser tiġi kkunsidrata wkoll l-influwenza eżerċitata mill-Medju Evu fuq l-iżvilupp modern ta' Malta u l-poplu tagħha.

Is-serje biħsiebha tistimula d-diskussjoni akkademika u l-apprezzament pubbliku ta' din l-era affaxxinanti. Hija timmira li tpoġġi l-iskoperti riċenti fil-kuntest tad-diskussjoni storika kurrenti dwar Malta Medjevali.

Dawn il-wirjiet ser jippermettu lill-istituzzjonijiet nazzjonali jikkollaboraw biex isaħħu l-fehim tal-arkeoloġija Maltija. Huwa għalhekk verament ta' pjaċir għall-Heritage Malta li tippreżenta din l-ewwel waħda minn **sensiela ta' wirjiet dwar Malta Medjevali** b'kollaborazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

Il-wirja tippreżenta xi wħud mir-riżultati miksuba minn żewġ skavi differenti mis-Sovrintendenza fl-2008 u fl-2015. Filwaqt li s-servizzi ta' salvataġġ tal-arkeoloġija fuq il-post huma ta' importanza kruċjali, huwa essenzjali wkoll li l-investigazzjonijiet iwasslu għar-riċerka, l-analiżi, il-preżentazzjoni pubblika u l-pubblikazzjoni.

Il-wirja tippreżenta għall-ewwel darba tipoloġija taċ-ċeramika għas-sekli 9 u 10 – waħda mill-inqas mifhuma, madankollu mument kruċjali ta' bidla fl-istorja Maltija. Xi wħud mill-punti storiċi ewlenin imqajma minn din l-informazzjoni ġdida huma diskussi wkoll.

L-iskavi fl-Imdina u Ħal Safi jiftħu tieqa ta' fehim fuq dawn is-sekli mudlama. Huma jħalluna wkoll napprezzaw id-differenza bejn il-ħajja medjevali fiċ-ċentru urban tal-Imdina u fl-insedjamenti agrikoli periferiċi.

# MEDIEVAL MALTA
# *a new Heritage Malta exhibition series*

This new series aims at presenting the results of recent investigations into Malta's medieval archaeology. It focuses on the period from the 5th to the 16th centuries AD – the Medieval Millennium. The influence exerted by the Middle Ages on the modern development of Malta and its people will be considered.

The series intends to stimulate scholarly discussion and public appreciation of this fascinating era. It aims to set recent discoveries in the context of current historical discussion on Medieval Malta.

These exhibitions will allow national institutions to collaborate to further the understanding of Maltese archaeology. It is therefore a real pleasure for Heritage Malta to present this first exhibition of the **Medieval Malta Series** in collaboration with the Superintendence of Cultural Heritage.

The exhibition presents some of the results obtained from two different excavations by the Superintendence in 2008 and in 2015. While on-site rescue archaeology services are of crucial importance, it is also essential that investigations lead to research, analysis, public presentation and publication.

The exhibition presents for the first time a ceramic typology for the 9th and 10th centuries – one of the least understood, yet a crucial moment of change in Maltese history. Some of the main historical points raised by this new information are also discussed.

The excavations at Mdina and Ħal Safi open a window of understanding into these dark centuries. They also let us appreciate the difference between medieval life in the urban community of Mdina and in the outlying agricultural settlements.

